

**Talbiet**

- tiddikjara li, billi ma kkomunikatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE<sup>(1)</sup>, tat-18 ta' Lulju 2005, dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferrovij Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbi fis-setturi tal-ferroviji u, fi kwalunker każ, billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva.
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fis-26 ta' Lulju 2008.

<sup>(1)</sup> ĠU L 164M, p. 317 (MT)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif (il-Lussempurgo) fl-10 ta' Ġunju 2010 — Tankreederei I SA vs Directeur de l'administration des Contributions directes**

**(Kawża C-287/10)**

(2010/C 221/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinvju**

Tribunal administratif

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Tankreederei I SA.

Konvenut: Directeur de l'administration des Contributions directes

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 49 KE u 56 KE jipprekludu d-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 152 bis tal-liġi emendata, tal-4

ta' Diċembru 1967, dwar it-taxxa fuq id-dħul sa fejn il-persuni taxxabbli Lussempurgo jingħataw il-benefiċċju ta' kreditu tat-taxxa għall-investiment bil-kundizzjoni li dawn l-investimenti jsiru fi stabbiliment li jinsab fil-Gran Dukat u jkunu intiżi jibqgħu hemm b'mod permanenti u barra minn hekk ikunu mħaddma fiżikament fuq it-territorju Lussempurgo?

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-291/10)**

(2010/C 221/45)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. van Beek u S. Mortoni, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

- tikkonsta li r-Repubblika Taljana, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/47/KE<sup>(1)</sup> tal-Kunsill, tat-18 ta' Lulju 2005, dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferrovij Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbi fis-setturi tal-ferroviji, jew, f'kull każ billi ma kkomunikatx tali dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, naqset milli twettaq l-obbligli tagħha taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva.

- tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/47 skada fis-26 ta' Lulju 2008.

<sup>(1)</sup> ĠU L 195, p. 15.